MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2011

Rikors Numru. 903/2011/2

**NIBC Bank N.V.**

***kontra***

**Chemmaster Shipping Limited (C36336), Chemjasmin Shipping Limtied (C41885) u Chemiris Shipping Limited (C41876) u Seachem Shipping Limited (C35651), u b`digriet tas-7 ta` Ottubru 2011 gew l-Av. Dr. Noel Bartolo LL.D. u l-P.L. Alison Wadge bhala Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lis-socjetajiet intimati Chemmaster Shipping Limited (C36336), Chemjasmin Shipping Limited (C41885), Chemiris Shipping Limited (C41876), u Seachem Shipping Limited (C35651)**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors prezentat fl-14 ta` Settembru 2011 li jaqra hekk –

*Illi kontestwalment ma` dan ir-rikors is-socjeta` rikorrenti pprezentat rikors iehor fl-istess ismijiet premessi ghax-xoljiment u stralc tas-socjetajiet intimati ;*

*Illi kif jidher mill-annessa “Notice of Default and Termination Letter” datata 13 ta` Lulju, 2011 (Dok A) is-socjeta` rikorrenti kemm bhala finanzjatur, kif ukoll bhala Agent, Swap Bank u Security Trustee hija kreditrici tas-socjetajiet intimati Chemmaster Shipping Limited, Chemjasmin Shipping Limited u Chemiris Shipping Limited bhala mutwatarji in solidum bejniethom min-naha l-ohra, kif sussegwentement amendat, liema debitu sal-5 ta` Settembru 2011 tela` ghal US$ 34,196,245.04, salvi imghaxijiet ulterjuri u spejjez ohra skond l-istess Ftehim ta` Self. Illi s-socjetajiet intimati mhux qed jonoraw il-ftehim ta` self u mhux qed ihallsu d-dejn taghhom meta jkun pagabbli u dovut ;*

*Illi s-socjeta` Seachem Shipping Limited hija wkoll debitrici tas-socjeta` rikorrenti u dan in segwitu ghal garanzija datata 31 ta` Lulju, 2007 li biha hija ggarantiet l-obbligi tas-socjetajiet intimati l-ohra naxxenti taht l-imsemmi Kuntratt ta` Self ;*

*Illi s-socjetajiet Chemmaster Shipping Limited u Chemjasmin Shipping Limited huma proprjetarji tal-bastiment m.v. ‘ACACIA’ registrat bin-numru ufficjali 09824 fir-Registru Malti tal-Bastimenti u m.v. ‘JASMIN’ registrat bin-numru ufficjali 9539858 fir-Registru Malti tal-Bastimenti rispettivament liema bastimenti huma mortgaged favur is-socjeta` rikorrenti sabiex taghmel tajjeb ghal dejn u kull obbligazzjoni naxxenti taht Ftehim ta` Self datat 31 ta` Lulju, 2007 bejn is-socjeta` rikorrenti*

*kemm bhala finanzjatur, kif ukoll bhala Agent, Swap Bank u Security Trustee minn naha wahda u l-intimati Chemmaster Shipping Limited, Chemjasmin Shipping Limited u Chemiris Shipping Limited bhala mutwatarji in solidum bejniethom min-naha l-ohra, kif sussegwentement amendat, liema debitu sal-5 ta` Settembru, 2011 tela` ghal US$ 34,196,245.04, salvi imghaxijiet ulterjuri u spejjez ohra skond l-istess Ftehim ta` Self liema obbligazzjonijiet huma garantiti minn Seachem Shipping Limited in solidum mad-debituri mutwatarji ;*

*Illi in garanzija tal-hlas lura tas-self fuq imsemmi s-socjeta` Chemmaster Shipping Limited iffirmat Mortgage ‘C’ datata t-2 ta` Awissu, 2007 fuq il-bastiment m.v. ‘ACACIA’ registrat f`isimha bin-numru ufficjali 09824 fir-Registru Malti tal-Bastimenti, liema Mortgage ‘C’ giet registrata fir-registru tal-imsemmi bastiment fit-2 ta` Awissu, 2007 u dan kif jidher mill-kopja ta` Transcript of Register mahrug mir-Registru tal-Bastiment Malta ;*

*Illi in garanzija tal-hlas lura tas-self fuq imsemmi s-socjeta` Chemjasmin Shipping Limited iffirmat Mortgage ‘B’ datata t-2 ta` Awissu, 2010 fuq il-bastiment m.v. ‘JASMIN’ registrat f`isimha bin-numru ufficjali 9539858 fir-Registru Malti tal-Bastimenti, liema Morgage ‘B’ giet registrata fir-registru tal-imsemmi bastiment fit-2 ta` Settembru, 2010 u dan kif jidher mill-kopja ta` Transcript of Register mahrug mir-Registru tal-Bastimenti Malta ;*

*Illi s-socjetajiet Chemiris Shipping Limtied, Chemmaster Shipping Limited u Chemjasmin Shipping Limited huma sussidjarji tas-socjeta` Seachem Shipping Limited u huma kkontrollati minn Mumtaz Yildiz ta` nazzjonalita` Torka u residenti t-Turkija ;*

*Illi s-socjetajiet Chemmaster Shipping Limtied u Chemjasmin Shipping Limtied waqfu joperaw il-bastimenti fuq imsemmija, ma baqghux ihallsulhom l-assigurazzjoni,*

*u haduhom it-Turkija, li mhijiex gurisdizzjoni idonea sabiex kredituri in generali jkunu jistghu jikkawtelaw id-drittijiet taghhom. In partikolari pussessur ta` mortgage, bhal ma hija s-socjeta` rikorrenti, ma tistax tezercita d-drittijiet taghha ta` mortgagee bhal ma huwa dak li tiehu pussess ta` bastiment ipotekat, peress illi jekk taghmel hekk hija u l-ufficjali taghha jkunu persegwibbli penalment u sabiex tezercita tali dritt dan jiehu zmien twil ;*

*Illi waqt laqgha bejn ir-rikorrenti u d-direttur tas-socjetajiet intimati Mumtaz Yildiz fejn giet diskussa possibilta` ta` soluzzjoni dwar id-dejn dovut kemm lis-socjeta` rikorrenti kif ukoll lil terzi Mumtaz Yildiz talab lis-socjeta` rikorrenti US$3,000,000 ghalih personalment sabiex tinstab soluzzjoni bl-iskuza li hu ried ikompli n-negozju bl-uzu ta` tali flus. Ovvjament is-socjeta` rikorrenti ma setghet qatt taccetta tali talba (ara Dok. B) ;*

*Illi nel frattemp aktar ma jghaddi z-zmien, il-bastimenti fuq imsemmija aktar qed jitilfu mill-valur taghhom u dawn sejrin aktar jiddeterjoraw jekk dawn jibqghu ma jithaddmux u jekk jibqghu fit-Turkija ;*

*Illi ghalhekk huwa importanti fl-interess tal-kredituri kollha, fosthom is-socjeta` rikorrenti, illi jigi nominat amministratur provvizjorju, biex pendente lite jiehu l-kontroll, l-amministrazzjoni u pussess tal-beni kollha tas-socjetajiet intimati u in partikolari tal-bastimenti fuq imsemmija u cioe` l-m.v. JASMIN li huwa ta` proprjeta` ta` u registrat f`Malta f`isem Chemjasmin Shipping Limited u l-m.v. ACACIA li huwa ta` proprjeta` ta` u registrat f`Malta f`isem Chemmaster Shipping Limited, jaghmel dak li huwa mehtieg biex il-bastimenti jingiebu Malta jew f`gurisdizzjoni ohra biex l-istess bastimenti jinbieghu skond il-ligi b`mod celeru, u jkollu r-rapprezentanza tas-socjetajiet intimati u dan kollu ad eskluzjoni tad-diretturi tal-istess socjetajiet ;*

*Illi r-rikorrenti jissuggerixxi illi bhala amministratur provvizorju jigu nominat Dr. Richard Galea Debono ;*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha : -*

*1. Tinnomina amministratur provvizorju tas-socjetajiet intimati lil Dr. Richard Galea Debono jew persuna ohra li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u oportuna ;*

*2. Taghti lill-amministratur provizorju nominat minnha dawk il-funzjonijiet u poteri li jidhrilha xierqa u opportuni fosthom li jiehu l-kontroll, l-amministrazzjoni u pussess tal-beni kollha tas-socjetajiet intimati u in partikolari tal-bastimenti fuq imsemmija u cioe` l-m.v. JASMIN li huwa ta` proprjeta` ta` u registrat f`Malta f`isem Chemmaster Shipping Limited u l-m.v. ACACIA li huwa ta` proprjeta` ta` u registrat f`Malta f`isem Chemmaster Shipping Limited, jaghmel dak li huwa mehtieg biex il-bastimenti jingiebu Malta jew f`gurisdizzjoni ohra biex l-istess bastimenti jinbieghu skond il-ligi b`mod celeru, u jkollu r-rapprezentanza tas-socjetajiet intimati u dan kollu ad eskluzjoni tad-diretturi tal-istess socjetajiet ;*

*3. Taghti kull provvediment li jidhrilha xieraq u opportun.*

Rat ir-risposta tal-intimati kuraturi deputati Dr. Noel Bartolo u l-P.L. Alison Wadge li kienet prezentata fl-<u>10 ta` Ottubru 2011</u> li taqra hekk –

*1. Illi f`dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jippresentaw risposta ulterjuri fi stadju iehor tal-proceduri, meta u jekk ikunu edotti mill-fatti ;*

*2. Illi fi kwalunkwe kaz it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti ;*

*3. Salvi, jekk ikun il-kaz, risposti ulterjuri.*

Semghet id-deposizzjoni tal-Av. Dr. Louis Cassar Pullicino, ta` Maaike Oterdoom, ta` Gerard Moussault u ta` Maurice Wijmans fl-udjenza tat-12 ta` Ottubru 2011.

Rat id-dokumenti li kienu prezentati waqt din l-udjenza.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati li kienet prezentata fid-<u>19 ta` Ottubru 2011</u> li taqra hekk –

*Illi s-socjetajiet intimati jaghmlu riferenza ghar-rikors tal-Bank Rikorrenti sabiex jinhatar amministratur provvizorju ghall-istess socjetajiet u dana a bazi tar-ragunijiet imsemmija fl-istess rikors –*

*Illi s-socjetajiet intimati qed jopponu bil-qawwa kollha ghall-hatra tal-istess amministratur provvizorju u dana ghas-segwenti ragunijiet :*

*1. Illi huwa pacifiku fil-gurisprudenza nostrana illi f`kaz illi l-Qorti tappunta amministratur provvizorju u dan ma jista` qatt jissostitwixxi d-diretturi ta` kumpannija b`dan illi l-Qorti xorta tista` taghti dawk l-ordnijiet lill-amministratur li jidhrilha xierqa jekk, skond l-istess Qorti, jezistu dawk ic-cirkostanzi mehtiega sabiex dana jigi appuntat ;*

*2. Illi s-socjetajiet intimati huma tal-fehma illi f`dan il-kaz ma jezistux ic-cirkostanzi mehtiega sabiex jigi appuntat tali amministratur provvizorju u dana ghas-segwenti ragunijiet -*

*3. Illi fl-ewwel lok l-ammonti li l-Bank Rikorrenti qed jghid li huma dovuti qed jigi kontestati bil-qawwa kollha mis-socjetajiet intimati u dana peress illi l-Bank Rikorrenti b`mod unilaterali u arbitrarju applika dak li jsejhulu s-"SWAP" a detriment tal-intimati hekk kif se jipprovaw l-intimati u inoltre l-ingagg tas-socjeta` bl-isem ta` SGM Societe de Gerance Maritimeli toffri konsulenza finanzjarja fil-fatt iktar bdiet tiehu hsieb l-interessi tal-Bank Rikorrenti milli mill-interessi tal-intimati u dana a skapitu tal-istess intimati hekk kif se jigi ppruvat mill-intimati ;*

*4. Illi ghalhekk fid-dawl tas-suespost ma hemmx raguni ghalfejn ghandu minn issa jinhatar amministratur provvizorju ghas-socjetajiet intimati. Ma hemmx dubbju illi dana qed isir primarjament sabiex ir-rikorrenti jkun jista` jiehu kontroll assolut tal-assi tal-intimati bl-ghan ewlieni illi jgib il-bastimenti "Mv Jasmin" u "Mv Acacia" lura hawn Malta li kien dejjem l-ghan tal-Bank Rikorrenti ;*

*5. Illi huwa car illi dak li qed jipprova jaghmel il-Bank Rikorrenti huwa li jiehu kontroll minn issa tal-bastimenti "MV Jasmin" proprjeta` tas-socjeta` Chemjasmin Shipping Limited u "MV Acacia" proprjeta` tal-intimata Chemmaster Shipping Limited qabel ma` dina l-Onorabbli Qorti tippronunzja ruhha fuq il-kwistjoni tal-likwidazzjoni hekk mitluba mir-rikorrenti stess u qabel ma dina l-Qorti tkun fliet il-provi kollha u tkun tista` taghti l-gudizzju taghha f`dan ir-rigward ;*

*6. Illi ma hemmx il-htiega illi jinhatar amministratur sabiex igib il-bastimenti msemmija hawn Malta u dana peress illi l-istess bastimenti qeghdin fil-pussess u fil-kontroll tal-intimati gewwa t-Turkija u l-*

*intimati ghandhom kull interess illi jipprezervaw dawn l-assi skond il-ligi hekk kif fil-fatt huma qed jaghmlu. Fil-fatt huma ghandhom jaderixxu ruhhom mar-regoli stretti tal-port fejn qeghdin bhalissa ;*

*7. Illi fil-fatt ir-rikorrent ma gab l-ebda prova li tista` turi illi dawn il-bastimenti li qeghdin fil-pussess tal-intimati qed jiddeterjoraw u mhux qed jinzammu fi stat ta` manutenzjoni tajba hekk kif qed jallega l-istess Bank Rikorrent ;*

*8. Illi ghalhekk f`dan l-istadju tant bikri tal-proceduri l-Qorti ghandha tuza d-diskrezzjoni taghha skond il-ligi sabiex tichad it-talba tar-rikorrenti f`dan l-istadju.*

*Daqstant is-socjetajiet intimati ghandhom l-unur li jwiegbu u jhallu ghal savju u superjuri gudizzju ta` dina l-Onorabbli Qorti.*

Rat in-nota tal-kuraturi deputati prezentata fid-19 ta` Ottubru 2011 skond id-direzzjoni li kellhom minn din il-Qorti fl-udjenza tat-12 ta` Ottubru 2011.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-11 ta` Novembru 2011.

Semghet ix-xiehda ta` Muntaz Yildiz, ta` Serra Sunsall, ta` Maurice Wiymans, ta` Maaike Oterdoom u ta` Gerard Moussault fl-udjenza tal-11 ta` Novembru 2011.

Rat id-dokumenti li kienu prezentati waqt din l-udjenza.

Rat li l-gbir tal-provi kien konkluz f`din l-istess udjenza.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet ir-rikors ghal provvediment ghal-lum bil-fakolta` ghall-partijiet li jipprezentaw noti ta` sottomissjonijiet.

Rat in-noti ta` sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti.

**Ikkunsidrat :**

**II. A.L. 223 tal-2004**

Il-provvediment tal-lum jirrigwarda **biss** it-talba tal-bank rikorrent (bhala kreditur tal-kumpanniji intimati) ghall-hatra ta` amministratur provvizorju ghall-istess kumpanniji intimati.

Irrid jinghad li ghalkemm it-talba saret permezz ta` rikors *ad hoc* taghmel parti integrali u allura ma tistax tigi distakkata mill-procedura principali u cioe` dik tax-xoljiment u stralc tal-kumpanniji intimati li qeghda tinstema` minn din l-istess Qorti u cioe` *NIBC Bank N.V. vs Chemmaster Shipping Limited (C36336) et (Rikors Nru. 903/11 JZM)*.

**Il-procediment ghax-xoljiment u stralc tal-kumpanniji intimati sar skond l-Avviz Legali 223 tal-2004 (*Merchant Shipping [Shipping Organisations – Private Companies] Regulations 2004*). Dawn ir-regolamenti kienu saru bis-sahha tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili (Kap.234 tal-Ligijiet ta` Malta).**

Din il-Qorti tghid li fl-A.L. 223 tal-2004 kienu inseriti ghadd ta` disposizzjonijiet applikabbli ghal kumpanniji li huma involuti fil-kummerc marittimu jew li joperaw jew li huma sidien ta` bastimenti merkanti. Diversi kienu d-disposizzjonijiet li huma simili (ghalkemm mhux bilfors identici) ghal disposizzjonijiet li ohra li giga` kienu jezistu fl-Att dwar il-Kumpanniji (**Kap.386** tal-Ligijiet ta` Malta) in partikolari whud mid-disposizzjonijiet li jittrattaw ix-xoljiment u stralc.

**Ghalhekk din il-Qorti tghid li xi konsiderazzjonijiet ta` natura dottrinali u gurisprudenzjali applikabbli ghall-Kap.386 ighoddu *mutatis mutandis* ghad-disposizzjonijiet tal-A.L. 223 tal-2004.**

L-A.L. 223 tal-2004 jittratta x-xoljiment u stralc ta` kumpanniji li huma koperti mid-disposizzjonijiet tal-avviz legali fl-Art.99 et seq sa l-Art.163.

Fil-prochediment principali, il-bank rikorrent qieghed jitlob lil din il-Qorti sabiex tordna x-xoljiment u stralc tal-kumpanniji intimati ghaliex jikkontendi li huwa kreditur taghhom f`ammont li jaqbez l-ammont ta` €23,293.73 (Lm 10,000) [Art.100] u jallega li l-kumpanniji intimati ma jistghux ihallsu d-dejn taghhom.

Fil-procedura tal-lum, il-bank rikorrent qieghed jitlob il-hatra ta` amministratur provvizorju skond l-**Art.107** li jaqra hekk –

*(1) The court may appoint a provisional administrator at any time after the presentation of a winding up application.*

*(2) The provisional administrator shall carry out such functions and shall have such powers as the court may confer on him by the order appointing him.*

*(3) The provisional administrator holds office until such time as the winding up order is made or the winding up application is dismissed unless before such time he resigns or he is removed by the court upon good cause being shown …*

**L-Art.228 tal-Kap.386** hija disposizzjoni simili u taqra hekk –

*(1) The court may by order appoint a provisional administrator at any time after the presentation of a winding up application and before the making of a winding up order, and either the official receiver or any other competent person may be so appointed.*

*(2) The provisional administrator shall carry out such functions and powers in relation to the administration of the estate or business of the company as the court may specify in the order appointing him.*

*(3) The provisional administrator holds office until such time as the winding up order is made or the winding up application is dismissed unless before such time he resigns.*

*Prima facie* id-disposizzjoni tal-A.L. 223 tal-2004 hija aktar wiesgha minn dik tal-Kap.386. L-unika parti miz-zewg disposizzjonijiet li hija identika huwa is-subinciz (3). Fid-disposizzjoni tal-A.L. 223 tal-2004 hemm subinciz iehor dak bin-numru (4) li pero` ma jittrattax dwar l-amministratur provvizorju. Mela kemm fil-kaz tal-A.L. 223 tal-2004 kif ukoll fil-kaz tal-Kap.386, fejn il-ligi tipprovdi ghall-hatra ta` amministratur provvizorju, id-disposizzjoni hija maqsuma fi tliet subincizi b`dik tal-A.L. 223 tal-2004, fil-fehma ta` din il-Qorti, aktar wiesgha minn dik tal-Kap.386 specjalment fil-kaz tat-tieni subinciz.

**Ikkunsidrat :**

## III. <u>Provi</u>

Ghalkemm il-provvediment tal-lum jolqot **<u>biss kwistjoni wahda</u>** fil-vertenza bejn il-partijiet, il-process diga’ huwa voluminuz. Huwa evidenti l-isforz tal-bank rikorrenti li, ghall-fini tal-provvediment tal-lum, izda certament ghall-iskop tal-procediment <u>principali</u> tax-xoljiment u stralc, jipproduci kemm jista` jkun provi, specjalment dokumenti, sabiex juri l-prekarjeta` tal-qaghda finanzjarja tal-kumpanniji intimati.

Ghal dak li sejra tipprovdi dwaru llum, din il-Qorti mhijiex sejra tidhol f’analizi dettaljata tal-kwantita’ ta’ dokumenti li tressqu. Ghall-provvediment tal-lum, kull ma din il-Qorti trid tkun sodisfatta huwa jekk hemmx lok ghall-hatra ta` amministratur provvizorju.

Ghalkemm qieset il-provi li tressqu, din il-Qorti tghid li bil-bosta hafna minn dawn il-provi jolqtu l-istanza <u>principali</u> li mhijiex il-mertu tal-provvediment tal-lum. Diga` hemm l-intiza bejn il-partijiet li l-provi li ngabru fil-procedura tal-lum ikunu jghoddu ghall-istanza <u>principali</u>. Pero` f`dan l-istadju, propju ghaliex din il-Qorti mhijiex sejra tiddeciedi l-istanza principali, hija fid-dmir li turi kawtela fil-konsiderazzjoni tal-provi, u tqis biss dawk li huma rilevanti ghall-iskop tal-provvediment tal-lum, sabiex ma tiskonfinax fi provi li huma rilevanti ghall-procedura *ut sic* tat-talba ghax-xoljiment u stralc, li ghad trid tigi deciza fi stadju iehor bi provvediment ghalih, wara li tisma` l-provi kollha tal-partijiet.

Il-bank rikorrent ighid li sal-5 ta` Settembru 2011 il-kumpanniji intimati Chemmaster Shipping Limited,

Chemjasmin Shipping Limited u Chemiris Shipping Limited kienu debituri *in solidum* tieghu fl-ammont ta` US$ 34,196,245.04, salv imghaxijiet ulterjuri. Il-bank rikorrent kien il-finanzjatur, l-Agent, is-SWAP Bank u s-Security Trustee taghhom. Il-kumpannija intimata Seachem Shipping Limited kienet bhala garanti tal-kumpanniji l-ohra Fil-procedura tal-lum, kienu prezentati d-dokumenti relattivi u xehdu l-persuni addetti mill-kontroll tas-self u li ttrattaw mal-kumpanniji intimati meta, skond il-bank rikorrent, sehh id-*default* min-naha tal-istess kumpanniji intimati. .

Chemmaster Shipping Limited hija s-sid tal-bastiment m.v. 'ACACIA' registrat bin-numru ufficjali 09824 fir-Registru Malti tal-Bastimenti. U Chemjasmin Shipping Limited hija s-sid tal-m.v. 'JASMIN' registrat bin-numru ufficjali 9539858 fir-Registru Malti tal-Bastimenti rispettivament. Il-bank rikorrent ghandu *mortgage* registrata favur tieghu fuq kull bastiment sabiex taghmel tajjeb ghad-dejn.

Il-bank rikorrent qieghed isostni li mhux biss il-kreditu li ghandu kontra l-intimati mhux qieghed jithallas lura izda z-zewg bastimenti li huma l-unici assi tal-intimati u li jistghu jaghmlu tajjeb ghall-kreditu mhumiex qeghdin ibahhru, mhumiex qeghdin jaqilghu l-flus, iddahhlu go port fit-Turkija u thallew idle hemmhekk taht il-kontroll tas-sidien taghhom. Qeghdin it-Turkija ghaliex l-intimati huma kontrollati minn negozjant ta` nazzjonalita` Torka bl-isem ta` Mumtaz Yildiz, li xehed ukoll fil-procedura tal-lum.

Il-kontenzjoni tal-bank rikorrent hija li bil-fatt li l-bastiment thallew *idle* f`gurisdizzjoni u cioe` it-Turkija li ma taghtix garanziji adegwati u tajbin lill-*mortgagee* il-kreditu tieghu sejjer jispicca ma jithallas qatt. Ghalhekk, u fuq dan kien specifiku kemm fir-rikors kif ukoll waqt it-trattazzjoni tal-istess, il-bank rikorrent talab li jinhatar amministratur provvizorju skond l-A.L. 223 tal-2004 sabiex jiehu l-kontroll taz-zewg bastimenti, johroghom mit-Turkija,

u johodhom f`gurisdizzjoni bhal ma` hi Malta, fejn ikun jista` jenforza l-kreditu tieghu kontra l-intimati fuq dawk il-bastimenti.

Skond il-bank rikorrent, il-bastimenti thallew *idle* ghaliex l-intimati ma ghandhomx flus biex jaghmlu l-kummerc bihom. Bil-fatt li qieghed jigri hekk il-valur tal-bastimenti kien qieghed jonqos.

Mumtaz Yildiz jikkonferma li l-intimati kellhom problema ta` likwidita` u li l-bastimenti ttiehdu fis-Sefine Shipyard li taghti fuq il-Bahar Marmora fit-Turkija fejn jinsabu taht il-kontroll tal-intimati bin-nies taghhom sakemm jinstab finanzjament gdid ghall-operazzjonijiet kummercjali taghhom. Infatti waqt il-gbir tal-provi ssemma da parti tal-intimati *a confidential investor.* Li pero` baqa` mhux maghruf.

Il-kontestazzjoni tal-intimati mhijiex li mhumiex debituri tal-bank rikorrent izda jghidu li s-SAWP sar minghajr il-kunsens taghhom. Anzi jghidu li kien unilaterali u arbitrarju. Isostnu wkoll li fil-gestjoni tas-self li kienu nghataw kienu qabbdu kumpannija bl-isem ta` SGM Societe de Gerance Maritime li minflok ittutelat l-interessi taghhom rat l-ewwel l-interess tal-bank rikorrent ghad-detriment taghhom.

Fuq l-iskorta tal-provi li nstemghu u li rrizultaw fil-procediment tal-lum, jigi rilevat li d-dokumenti relatati mas-self huma kollha ffirmati nkluz minn rapprezentanti tal-intimati. Irrizulta li fit-trattativi u fil-kuntratti tas-self l-intimati kienu assistiti minn konsulenti. Huwa inoltre accertat li SGM kienet inkarikata mill-intimati. Dan sar ghaliex il-bank rikorrent kien tal-fehma li l-intimati kellhom bzonn tal-ghajnuna ta` konsulenti finanzjarji biex jaghtuhom direzzjoni dwar il-gestjoni tal-facilitajiet bankarji li kienu nghataw. Pero` ghalkemm jirrizulta li l-bank rikorrent kien jaf bil-hatra ta` SGM, b`ebda mod ma mpona l-hatra ta` dawk il-konsulent mill-intimati. U l-bank

rikorrent ma kellu l-ebda rabta, wisq anqas konmtrattwali, ta` xi xorta ma’ SGM.

**Ikkunsidrat :**

**IV. <u>Risultanzi</u>**

Bl-Art.107 tal-A.L. 223 tal-2004, il-ligi taghti lill-Qorti d-diskrezzjoni (*may appoint)* li tahtar amministratur provvizorju f’kull zmien wara li jkun gie pprezentat ir-rikors ghax-xoljiment u stralc, u qabel ma tipprovdi definittivament jekk tordnax inkella le x-xoljiment u stralc. Wara li jinghata l-hatra, l-amministratur provvizorju huwa obbligat (*shall carry out*) jaqdi l-funzjonijiet u setghat li taghtih il-Qorti fl-ordni tal-hatra. Sakemm ma jirrizenjax, jew sakemm ma jitnehhiex mill-Qorti ghal raguni tajba, l-amministratur provvizorju jibqa’ jzomm l-inkariku saz-zmien li jsir l-ordni ghax-xoljiment u stralc jew sakemm ir-rikors ma jkunx michud.

Ghall-fini <u>specifiku</u> tal-provvediment tal-lum, il-konsiderazzjoni mhijiex jekk l-intimati humiex inkella le fi stat ta’ insolvenza ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi. Dik hija konsiderazzjoni li din il-Qorti ghad trid taghmel meta tigi biex tiddeciedi dwar it-talba ghax-xoljiment u stralc taghhom. Lanqas ma hija l.-kwistjoni jekk hijiex fondata d-difiza li qeghda ssir mill-intimati dwar in-natura tas-self u l-pariri li nghataw.

<u>Determinanti</u> ghall-fini tal-provvediment tal-lum hija l-konsiderazzjoni jekk pendenti decizjoni dwar xoljiment u stralc tal-intimati, bil-fatt illi z-zewg bastimenti qeghdin fejn qeghdin, u inattivi kif inhuma, id-drittijiet tal-krédituri li taw bidu ghall-procedura huwiex sejjer jigi eluz. Inoltre bil-fatt illi l-bastimenti ma jibqghux it-Turkija jekk l-posizzjoni tal-intimati hijiex sejra titgharraq ulterjorment.

L-A.L. 223 tal-2004 (kif *del resto* l-Kap.386) ma jiddefenix ir-rwol tal-amministratur provvizorju. Fil-kaz tal-A.L. 223 tal-2004 (b`mod aktar wiesgha milli fil-Kap.386), il-ligi thalli **ghal kollox** f'idejn il-Qorti li meta tahtru trid tara hi x`setghat ghandha taghtih tenut kont tal-fatti u cirkostanzi tal-kaz. Dan taghmlu sabiex il-Qorti jkollha kontroll fuq il-gestjoni ta` l-operat tal-kumpannija ghaliex finalment trid tkun propju l-Qorti li tiddeciedi jekk id-debitur huwiex tassew insolventi inkella le u allura tkun tista` tipprocedi boix-xoljiment u stralc.. Taghmlu wkoll sabiex ma thallix lill-kumpannija tiggestixxi l-affarijiet taghha b`detriment ghall-kredituri taghha specjalment meta jkun ta` talba ghax-xoljiment u stralc fuq istanza tal-kredituri.

**In linea generali**, jekk il-Qorti ma tispecifikax il-poteri tal-amministratur provvizorju, allura r-rwol tieghu jkun biss dak ta' semplici amministratur b'funzjoni li jiehu hsieb l-amministrazzjoni ta` kuljum tal-kumpannija. **Sakemm il-Qorti ma tipprovdix xort`ohra** il-hatra tal-amministratur provvizorju, ma jtemmx ir-rwol tad-diretturi. **In linea generali** l-amministratur provvizorju jassumi l-gestjoni tal-amministrazzjoni ordinarja tal-kumpannija pero` ma jiehux fuq spallejh il-funzjonijiet tad-diretturi, **salv** jekk ikun dirett xort`ohra mill-Qorti. **Dment** illi ma tkunx ipprovdiet diversament, id-diretturi jibqghu jezercitaw il-funzjonijiet taghhom. Jispetta lill-amministratur provvizorju illi jekk jara li d-diretturi qed jagixxu bi pregudizzju ghall-kumpanija, jitlob direzzjoni mill-Qorti. Meta jigi appuntat amministratur provvizorju, u jkun hekk ordnat, huwa jiehu taht il-kontroll tieghu l-proprjeta' u l-jeddijiet kollha tal-kumpannija, u jmexxi hu n-negozju u l-hwejjeg tal-kumpannija, bl-awtorizzazzjoni u taht il-kontroll tal-Qorti li tkun qed tisma' l-proceduri ta' l-istralc (ara l-**Art.109** tal-A.L. 223 tal-2004 bhall-Art..237 tal-Kap.386).

Bhala regola, kumpannija ghandha tagixxi fl-interess tal-azzjonisti. Kif ighid Davies fl-*Introduction to Company Law* –

*The traditional answer of the common law has been the classical one that the duties are owed to the members of the company as a whole, the members being the persons who created it or who have subsequently become members, normally by buying shares in it. The usual justification for this way of defining 'the company' is that the shareholders stand last in line to receive the economic benefits of the company's activities and therefore have the strongest incentive of all the groups involved with the company to monitor the board effectively.*

**Izda meta jkun hemm proceduri tal-istralc, l-interess tal-azzjonisti jrid icedi ghall-interess u ghall-protezzjoni tal-kredituri.**

Fis-sentenza "**Kinsella vs Russell Kinsela Pty Ltd**" (1986) 4 ACLC 215 u (1986) 10 ACLR 395 jinghad hekk –

*In a solvent company the proprietary interests of the shareholders entitle them as a general body to be regarded as the company when questions of the duty of directors arise … But where a company is insolvent the interests of the creditors intrude. They become prospectively entitled, through the mechanism of liquidation, to displace the power of the shareholders and directors to deal with the company's assets. It is in a practical sense their assets and not the shareholders' assets that, through the medium of the company, are under the management of the directors pending either liquidation, return to solvency, or the imposition of some alternative administration.*

Fil-kawza "**Colin Gwyer & Associates Ltd vs London Wharf (Limehouse) Ltd**" [2003] BCC 885 inghad li d-diretturi ghandhom dmirijiet fiducjarji fil-konfront tal-kredituri meta l-kumpannija rkun waslet fl-ghatba tal-insolvenza. Fis-sentenza kien specifikat illi –

*In relation to an insolvent company, the directors when considering the company's interests must have regards to the interests of the creditors.*

Dawn l-insenjamenti ghandhom rilevanza hafna ghall-fini tal-provvediment tal-lum ghaliex, ghalkemm l-insolvenza tal-intimati ghad trid tirrizulta fil-procediment principali, jirrizulta bl-aktar mod car anke mill-provi li nstemghu sal-lum li l-operazzjonijiet kummercjali tal-intimati huma weqfien ghaliex flus bizzejjed biex joperaw m`ghandhomx tant li qeghdin jiddependu fuq investiment potenzjali ta` terzi (mhux fuq il-hidma taghhom) sabiex jibqghu fin-negozju.

Ghalhekk, apparti kull konsiderazzjoni ohra, din il-Qorti tifhem it-thassib tal-bank rikorrent li meqjusa l-entita` qawwija hafna tal-kreditu li ghandu kontra l-intimati jassikura li l-assi tal-intimati ma jibqghux taht il-kontroll tal-intimati izda jigu taht il-kontroll tal-Qorti sabiex jkun assikurat li l-pretensjoni taghhom tibqa` ben kawtelata u mharsa b`mod trasparenti.

Din il-Qorti tghid dan kollu anke ghaliex qieset b`suspett ir-resistenza tal-intimati li, qabel kienu inizjati l-proceduri ta` x-xoljiment u stralc, ma jaghtux access liberu lir-rapprezentanti tal-bank rikorrent sabiex jispezzjonaw l-bastimenti fit-Turkija. U kien biss wara li dan il-fatt kien senjalat lil din il-Qorti u wara l-intervent dirett ta` din il-Qorti fl-udjenza tal-11 ta` Novembru 2011 li l-intimati accettaw li jaghtu access ghall-bastimenti ghall-fini ta` spezzjoni minn rapprezentanti tal-bank rikorrent.

Kollox meqjus bl-akbar reqqa u kawtela, din il-Qorti tqis li jkun ferm opportun li fic-cirkostanzi tal-kaz il-kontroll tal-bastimenti ma jibqax ghand l-intimati izda ighaddi taht ir-responsabilita` ta` amministratur provvizorju li se jinhatar bil-provvediment tal-lum u li se jinghata setghat kif se jkun specifikat fil-provvediment tal-lum. Il-hatra tal-

amministratur provvizorju sejra tkun mizura kawtelari intiza sabiex il-bastimenti jghaddu taht il-kontroll tal-Qorti u ma jintuzawx bhala lieva jew ghodda ta` pressjoni fl-eventwalita` ta` negozjati futuri li jista` jkun bejn il-partijiet.

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tiddisponi mit-talbiet tal-bank rikorrent billi, bl-applikazzjoni tal-Art.107 tal-Avviz Legali 223 tal-2004, qeghda tahtar bhala amministratur provvizorju tal-kumpanniji intimati kollha lill-Avukat Dottor Richard Galea Debono.**

**Tordna lill-kumpanniji intimati sabiex b`effett mil-lum jaghtu lill-amministratur provvizorju mahtur illum access shih, liberu u inkondizzjonat ghal kwalsiasi taghrif u dokumenti fil-pussess taghhom (kollox inkluz u xejn eskluz) li jkun mehtieg sabiex jaqdi l-funzjonijiet tieghu skond il-ligi u skond dan il-provvediment.**

**Din il-Qorti qeghda taghti lill-amministratur provvizorju mahtur illum is-setghat kollha li jehtieg sabiex jaqdi l-funzjonijiet tieghu. Dawn is-setghat jinkludu –**

**1) Bl-applikazzjoni tal-Art.109 tal-Avviz Legali 223 tal-2004, is-setgha li jiehu taht il-kustodja jew kontroll tieghu l-propjeta` kollha tal-kumpanniji intimati, inkluzi l-bastimenti m.v. Jasmin u m.v. Acacia li fil-prezent jinsabu fit-Turkija.**

**2) Is-setgha li, jekk ikun jidhirlu hekk xieraq u opportun, jassikura li l-imsemmija bastimenti ma jibqghux it-Turkija izda jingiebu Malta. Jekk dak ikun**

**il-kaz, l-ispejjez kollha involuti (kollox inkluz u xejn eskluz) sabiex il-bastimenti jingiebu mit-Turkija lejn Malta u sabiex jibqghu Malta, ikunu provvizorjament a kariku tal-bank rikorrent.**

**Tordna lill-bank rikorrenti sabiex sa zmien hmistax-il jum mil-lum jeffettwa a favur tal-amministratur provvizorju mahtur illum hlas akkont tad-drittijiet u tal-ispejjez tieghu fl-ammont ta` ghaxart elef Ewro (€10,000) bir-riserva li tipprovdi dwar hlasijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz, u bir-riserva li tipprovdi dwar ir-rimunerazzjoni finali tal-amministratur provvizorju fi stadju ulterjuri.**

**L-ispejjez ta` dan il-provvediment jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali fil-procediment 'NIBC N.V. vs Chemmaster Shipping Ltd. C36336)' (Rikors Nru. 903/11 JZM).**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------